## 8 ta' April, 1964

## Imħallef:—

## Onor. Edoardo Magri, LL.D.

Alfred Delia nomine

*versus*

Nobbli John, magħruf bħala "Golly" Testaferrata Abela

## Kompetenza — Azzjoni Kambjarja — Novazzjoni

*Huwa veru li meta hemm kambjalijiet il-kreditur imissu jaġixxi bl-azzjoni kambjarja peress li l-kambjalijiet huma titoli ta' kreditu, u ma jistax iħallihom fiċ-ċirkolazzjoni, u fl-istess ħin jaġixxi u jitlob il-ħlas tal-kreditu tiegħu. Pero' m'hemm xejn fil-liġi li huwa ma jistax jaġixxi independentement mill-kambjalijiet.*

*F'ħafna każi it-titolu kambjarju mhux ħlief rappreżentazzjoni tat-titolu tal-obbligazzjoni ċivili li miegħu twieled, u ma jinvesti ebda forza novativa.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun — talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine, is-somma ta' mija u tmenin lira (£180) saldu prezz ta' motor car "Lancia" lilu mibjugħa u konsenjata, bl-interessi legali u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' Impediment ta' safar tal-persuna tat-22 ta' Jannar, 1964.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-kreditu pretiż mill-attur nomine għandu jiġi dirett kontra

l-firmatarja tal-kambjali, mart il-konvenut, illum separata. Illi l-konvenut ma żżewwiġx f'Malta u ma eżistiet qatt kommunjoni ta' l-akkwisti bejniethom u hu qatt ma assuma dan id-debitu, li jekk hu viġenti hu ta' l-ex martu;

Rat id-dikarazzoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li qal li in vista illi l-meritu ta' din il-kawża huwa kreditu kambjarju dina l-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża;

Eżaminat. . . . . .

Ikkunsidrat:

Li fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut dwar l-inkompetenza ta' dina l-Qorti, jingħad mill-ewwel li dina ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa;

1) għaliex l-attur mhuwiex jistitwixxi azzjoni kambjarja, iżda qiegħed jitlob biss il-bilanċ tal-pagament tal-prezz tal-karozza mibjugħa lill-konvenut minn Joseph Scicluna;

2) għaliex mhux biżżejjed li l-kreditu jkun wkoll rappreżentat minn kambjalijiet biex tirrendi, għalhekk biss, dina l-Qorti inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża. Huwa veru, infatti, li meta hemm kambjalijiet il-kreditur imissu jaġixxi bl-azzjoni kambjarja peress li l-kambjalijiet huma t-titolu ta' kreditu, u ma jistax iħallihom fiċ-ċirkolazzjoni, u fl-istess ħin jaġixxi u jitlob il-ħlas tal-kreditu. Però m'hemm xejn fil-liġi li huwa jista' jaġixxi indipendentement mill-kambjalijiet, (Kollez. XXXII, III, 498), salvo li meta d-debitu tħallas huwa jkun jista' jitlob il-konsenja tal-istess kam-

bjali mingħand il-possessur (art. 250 u 300 tal-Kodiċi Kummerċjali).

3) għaliex mhix il-każ li tiġi applikata d-disposizzjoni tal-artikl 37 (2) tal-Proċedura Ċivili fejn huwa previst li l-Qorti tal-Kummerċ tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha ta' natura kummerċjali, jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, komprizi dawk dwar il-kambjalijiet. Infatti, ma jirriżultax li d-dejn tal-konvenut huwa ta' natura kummerċjali, u għalkemm it-titolu ta' dana d-dejn twieled minn kambjali, mhuwiex neċessarjament att ta' kummerċ (Kollez. XXIX, III, 388); u l-amissjoni ta' kambjali ma tista tipproduċi ebda novazzjoni, jekk il-kreditu fih innifsu ta' natura ċivili, ma ġiex istint in forza tal-stess kambjali, li għalhekk irrendietu ta' natura kummerċjali, f'każi simili t-titolu kambjarju mhuwiex ħlief rappreżentazzjoni tat-titolu tal-obbligazzjoni ċivili li megħu tweled, u ma jirrivesti ebda forza novativa (Kollez. XIII, 228, XIV, 386-387; XXIX, III, 80);

4) dina l-Qorti għandha d-dover, anki kieku l-konvenut ma qalux, li tissolleva l-eċċezzjoni ta' inkompetenza "ratione materiae", "ex officio" (art. 775 (b) tal-Proċedura Ċivili); però fil-każ in especie m'hemmx lok għal dina d-dikjarazzjoni, għaliex id-debitu huwa ta' natura ċivili, u l-kambjali ma operatx novazzjoni estintiva, imma kieku l-kawża ġiet introdotta a bażi tagħha, f'dina l-ipotesi l-kambjali kienet tikkostitwixxi biss mod ta' pagament; u f'każ simili m'hemmx novazzjoni ta' kreditu ċivili fi kreditu kummerċjali.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione Materiae" bl-ispejjes kontra l-konvenut, u tordna li l-kawża titkompla fil-mertu.